IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 41-2017(27_12_17)**

**27 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

**41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

41.1.1 Is-Sinjura Carmen Said - Sindku kienet skużata minħabba li kienet marida.

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier kien skużat minħabba li kien marid.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

41.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 37-2017(26_10_17), 38-2017(02_11_17), 39-2017(06_11_17) u 40-2017(10_11_17) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew emendati u approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

---

**41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

41.3.1 Is-Sur Robert Mallia rrapporta dwar il-ġabra li saret għall-Istrina 2017. Tpoġġiet kaxxa fil-Kunsill u oħra fil-Knisja tal-Munxar. Il-Kunsill ipprintja l-*envelopes* u għar-residenti tal-Munxar tqassmu mal-Bullettin. L-*envelopes* għar-residenti tax-Xlendi u għall-istabbilimenti tal-ikel tqassmu mill-ħaddiem tal-Kunsill. Il-ħaddiem qassam ukoll *flyer* lir-residenti tax-Xlendi u tal-Munxar fejn ġew mistiedna jiġu jiltaqgħu mal-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta li ġiet nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru 2017 bejn il-4:50 ta' filgħaxija u l-5:20 ta' filgħaxija fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Munxar. Il-Kunsill flimkien mal-Parroċċa ppreżentalha s-somma ta' €500.

Il-Viċi Sindku informa lill-membri li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ffirmaw ftehim mal-*Permanent Secretary* sabiex jinbena ħajt tas-sejjieħ li kien waqa' fi Ġnien Ragalna. Dan ser jinbena mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

Il-Kunsill applika għall-iskema li ħareġ Eco-Gozo sabiex isir restawr ta' postijiet storiċi. Il-Kunsill applika sabiex ix-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja jiġu restawrati u rijabilitati sabiex jinfetħu għall-pubbliku.

Il-Viċi Sindku fakkar lill-membri tal-Kunsill li bħalissa s-Sindku tal-Kunsill hija indisposta u hu qed ikun is-sostitut. Huwa awguralha fejqan ta' malajr.

**41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

41.4.1 Is-Sinjorina Sonja Abela staqsiet jekk il-Kunsill bagħatx xi fjuri lis-Sindku għall-Milied. Hija rreferiet għall-Minuti tal-laqgħa tal-10 ta' Novembru 2017 [40-2017(10_11_17)] fejn intqal li b'rispett għas-Sindku, il-Kunsill ma huwiex ser jagħmel attivitajiet għal Jum Il-Munxar 2017. Il-Viċi Sindku wieġeb li ma ntbagħtux fjuri u dwar l-attivitajiet għal Jum Il-Munxar 2017, dik kienet deċiżjoni tal-Kunsill.

Is-Sinjorina Abela staqsiet ukoll dwar il-laqgħa li trid issir ma' Transport Malta dwar *Traffic Management* ġdid għat-toroq tax-Xlendi. Hija ġiet infurmata li Transport Malta trid lill-perit biss sabiex jiltaqa' magħhom.

Hija staqsiet ukoll dwar it-talba ta' bank fuq il-bankina ta' quddiem il-Kunsill għaliex il-Kunsill diġà għamel bank fuq bankina fil-Pjazza tal-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sabiex isir bank quddiem proprjetà privata, irid ikun hemm l-approvazzjoni tal-ġirien. Hija ser tiċċekkja dwar dan.

41.4.2 Is-Sur Damien Spiteri talab *feedback* dwar il-proposti li semma fl-aħħar laqgħa. Huwa xtaq informazzjoni dwar fiex waslet it-talba tal-Kunsill sabiex isir *bus shelter* viċin l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li mill-aħħar laqgħa s'issa għadu ma sarx kuntatt mal-Kumpanija Faces Consultants Ltd, iżda wiegħed li sa laqgħa oħra ser jagħti l-informazzjoni kollha.

Is-Sur Spiteri staqsa wkoll dwar l-għażla tal-perit tal-Kunsill u jekk kienx hemm xi oġġezzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li ma kienx hemm oġġezzjonijiet u issa li ż-żmien li setgħu jibagħtu l-oġġezzjonijiet kien għadda, qed jiġi ppreparat il-kuntratt biex jiġi ffirmat u jinbeda jingħata x-xogħol minnufih.

Is-Sur Spiteri staqsa fiex waslu l-preparamenti sabiex jinfetaħ *bar* fil-kamra li hemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Huwa xtaq jara l-korrispondenza dwar dan il-każ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li wara li l-Perit Neil Felice informa lill-Kunsill li kien ser jippreżenta l-pjanti lill-Awtorità tal-Ippjanar, huwa reġa' bagħatlu *reminder* iżda baqa' qatt ma rċieva risposta lura. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li terġa' tintbagħat *e-mail* u jekk jibqa' ma jweġibx, tittieħed li ma huwiex interessat u nkunu nistgħu nqabbdu perit ieħor. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Viċi Sindku fakkar li l-ewwel ħaġa li trid issir hija li jittieħed il-*garage* tal-binja tal-uffiċċju sabiex l-affarijiet li hemm f'din il-kamra jitpoġġew hemm.

**41.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Community Workers Scheme Enterprise Foundation assenjat ħaddiem sabiex jagħmel xogħol fit-toroq tal-lokalità. Huwa qed jingħata xogħol ta' tindif u manutenzjoni u jqassam il-*flyers* fid-djar tal-lokalità. Qed ikun mitlub sabiex imur ibattal il-*litterbins* li hemm f'Tal-Ponta u peress li hemm 'il bogħod qed imur bil-karozza tiegħu bir-riżultat li qed iġorr il-boroż taż-żibel fil-karozza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill jikkunsidra li jixtri jew jikri vettura sabiex tintuża għal dan il-għan. Il-Kunsill kien ser jiddiskuti din il-materja f'laqgħa oħra.

**41.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

41.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 32/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Kjarifika dwar Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04'.

41.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 33/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'L-Att dwar ix-Xandir (Kap 350)'.

41.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 34/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Allokazzjoni Finanzjarja għal 2018'.

41.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 35/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Addenda għal Ċirkulari Numru 16/2017 [L-Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja (l-FSI)]'.

41.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 36/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki'.

41.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 37/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Soċjali dwar applikazzjonijiet għal żvilupp/xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni'.

41.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sindku tal-Kunsill Lokali Marsaskala rigward il-Commonwealth Local Government Conference ta' bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

41.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 78/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Riċeviment tal-Milied', fit-28 ta' Diċembru 2017 fil-Palazz Verdala, Il-Buskett.

41.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Principal* – Europe for Citizens Contact Point, EU & International Affairs Unit fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Europe for Citizens Programme 2014-2020 – *Seminar* ta' informazzjoni u taħriġ', fis-16 ta' Novembru 2017 fil-Grand Hotel, Imġarr Għawdex. Intbagħtet *draft Aġenda* ta' dan is-*seminar* li ser ikun dwar x'jirrekjedu proġetti taħt il-programm Europe for Citizens għall-Kunsilli Lokali.

41.6.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 106/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Kampanja – 'Suq bil-Għaqal'. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jidentifika żewġ żgħażagħ li jixtiequ jgħinu u jkunu parti minn din il-kampanja fil-21 ta' Diċembru 2017. Dakinhar filgħodu jiltaqgħu fl-uffiċini amministrattivi tal-Aġenzija LESA sabiex jitqassmu fi gruppi żgħar flimkien mal-Gwardjani Lokali u hemm jiġu indirizzati mill-amministrazzjoni tal-aġenzija. Flimkien mal-Gwardjani Lokali jduru diversi lokalitajiet għal żmien qasir u jqassmu lis-sewwieqa *stickers* bil-kliem dwar it-tema tal-kampanja u sabiex isir sewqan bil-galbu.

41.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LESA rigward Kampanja Edukattiva dwar Traffiku bit-tema 'Sigurtà Aħjar fit-Toroq'. Matul l-attività li tieħu 90 minuta ser titwassal informazzjoni lill-pubbliku sabiex jagħraf aħjar is-sigurezza fit-triq kemm jekk xufier kif ukoll dawk li jużaw it-triq bir-riġel.

41.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex fejn bagħat l-Aġenda tas-70 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tas-26 ta' Diċembru 2017, ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju reġjonali l-ġdid. Huwa għarraf illi sakemm ma tkunx qed tinżamm laqgħa tal-Kunsill Lokali rispettiv fl-istess ħin, mhux aċċettabbli li lokalità ma tkunx rappreżentata la mill-membru effettiv u lanqas mill-membru sostitut tiegħu.

41.6.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Projects and Development Directorate - Afforestation, Parks and Public Gardens fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn infurmaw lill-Kunsill li tal-Plant Health għamlu *inspection* u ħadu xi kampjuni ta' dik l-Awrikarja li hemm mejta quddiem l-istatwa tal-Madonna fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Minħabba li sabu xi *fungal disease*, għalkemm jaħsbu li hija sekondarja u mhux il-kawża ewlenija tal-mewt tas-siġar, jekk hemm Awrikarji oħra fil-viċinanzi tas-siġar infettati dawn għandhom jiġu *sprayed*.
Il-Kunsill ġab il-permess mingħand l-ERA sabiex din is-siġra tinqala' u din inqalgħet mill-ħaddiema tal-ELC Ltd.

41.6.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap, Taqsimiet Tekniċi għall-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fejn il-Kunsill ġie avżat li jrid iħallas multa ta' €250 minħabba li għadna ma għamilniex *risk assessment*. Din intbagħtet lil kważi l-Kunsilli kollha u anke interveniet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.
Il-Kunsill bagħat l-oġġezzjoni tiegħu għal din il-multa għaliex qiegħed fil-proċess li dan ir-*risk assessment* isir.

41.6.15 Il-Kunsill reġa' rċieva lment ieħor mingħand l-istess resident fi Triq ir-Ranċiż, Ix-Xlendi rigward kaxxi bojod miżbugħin bl-iswed f'din it-triq. Dan ir-resident għarraf lill-Kunsill li għamel diversi rapporti kemm bil-miktub u anke verbalment u għal snin twal ma ttieħdetx azzjoni. Peress li qed jinqala' ħafna ġlied fuq hekk bejn ir-residenti huwa qed jitlob sabiex tissolva s-sitwazzjoni immedjatament qabel l-affari tiskala aktar milli diġà hi.
Il-Kunsill ser jgħaddi dan il-każ lill-Pulizija.

41.6.16 Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta fi Triq Ta' Marżiena, Il-Munxar rigward abbuż minn *mechanic* li jopera minn *garage* ġar tagħha minħabba li qed jipparkja *wreckage* ta' karozzi u jħammeġ il-faċċata biż-żejt. Hija qed tirrapporta li dan l-aħħar ipparkja dgħajsa fil-kantuniera fejn ħadd mhu suppost jipparkja. Hija wriet id-diżapprovazzjoni tagħha minħabba li qatt ma ttieħdet azzjoni.
Il-Kunsill ser jgħaddi dan il-każ lill-Pulizija.

41.6.17 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq Ta' Rinota, Il-Munxar fejn qed jitlob sabiex ħajt imwaqqa', hekk kif jidher fuq ir-ritratti annessi, li jinsab fi Triq ix-Xatba jerġa' jinbena.
Il-Kunsill ser jgħaddi dan l-ilment lid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

41.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Development Planning Fund tal-Planning Authority fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-bilanċ ta' fondi għall-proġetti, approvati mill-Kumitat u ġie ffirmat kuntratt, huwa ta' €158,425.15, fejn dak għall-Munxar huwa €50,007.39 u għax-Xlendi huwa €108,417.77.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

41.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali'. Il-Kunsill ġie infurmat li peress li l-estenzjoni tal-ħatra ta' 90 jum kienet b'effett mill-4 ta' Ottubru 2017, u l-perjodu ta' 90 jum dalwaqt jiskadi, id-Dipartiment ser jerġa' jitlob l-approvazzjoni tal-Ministru biex tiġġedded din in-nominata ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsill ġie mitlub jinforma lid-Dipartiment jekk hemm tibdil fil-persuna nominata.
Il-Kunsill ser iżomm l-istess Deputat Segretarju Eżekuttiv.

41.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mails* mingħand il-KIP Għawdex Ltd fejn qed jipproponu kif ser jinġabar l-iskart domestiku fil-Munxar u Ix-Xlendi minħabba li l-Milied u l-Ewwel tas-Sena ser taħbtu fil-ġurnata tat-Tnejn. F'dawn il-ġranet mhux ser isir ġbir ta' skart domestiku. Għaldaqstant, il-ġbir ser isir nhar it-Tlieta, 26 ta' Diċembru 2017 u 2 ta' Jannar 2018. F'dawn il-ġranet ser issir il-ġabra għall-iskart riċiklabbli (il-borża l-griża); il-ġabra għall-iskart imħallat (il-borża s-sewda), kif ukoll il-ġabra għall-iskart organiku (il-borża l-bajda).
Il-Kunsill bagħat avviż fid-djar kollha tal-Munxar u Ix-Xlendi sabiex ir-residenti jimxu miegħu f'dawn il-ġranet ta' festa u fakkar ukoll dwar il-ġabra tal-ħġieġ li ser issir nhar il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2018.

Il-KIP Għawdex Ltd talbet il-ħlas għal ġbir ta' skart imħallat (il-borża s-sewda) fix-Xlendi li baqgħet tagħmel nhar ta' Ħamis wara x-xahar ta' Ottubru 2017 meta suppost dan is-servizz waqaf f'Ottubru 2017.
Il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jħallas għal xogħol li ma jkunx ordna.

41.6.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija Light Blue Ltd rigward *bins* fil-lokalità sabiex jinġabru ħwejjeġ *second-hand*. Dawn il-*bins* huma ta' daqs metru b'metru u ser jingħataw bla ħlas. Din il-kumpanija tbattal dawn il-*bins* kull 24/48 *hours* u f'każ li jkun hemm min jitfa' barra l-*bin*, dawn jiġu miġburin ukoll. Il-Kunsill ġie mitlub awtorizzazzjoni sabiex jitpoġġa *bin* ieħor fil-Munxar.
Il-Kunsill diġà għandu minn dawn il-*bins*.

41.6.22 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir *loading/unloading bay* quddiem l-istabbiliment bla isem fi Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi eżattament maġenb l-istabbiliment Gelateria Granola.
Il-Kunsill qabel ma' din it-talba u ser japplika ma' Transport Malta permezz tas-sistema *e-forms*.

**41.7 Laqgħa tal-Lokalità 2018**

41.7.1 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV tal-1993), il-Kunsill u l-Kumitat huma obligati li jsejħu laqgħa pubblika annwali kull wieħed. Wara li saret konsultazzjoni maċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, qed ikun propost li l-laqgħa għall-persuni mill-Munxar li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar ser issir nhar il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2018 fl-4 ta' filgħaxija fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.
Il-laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar ser issir il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2018 fil-5 ta' filgħaxija fil-Lukanda St Patrick's, Ix-Xlendi.
Il-Kunsill qassam *flyer* f'kull dar fil-lokalità u għamel avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

**41.8 Estimi Annwali 2018**

41.8.1 Għas-sena 2018, l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u l-Kumitat ser tkun €255,270. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €10,408 mill-allokazzjoni tas-sena 2017. Dawn l-estimi ser jiġu ppreżentati fil-laqgħat tal-lokalità u jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**41.9 Sejħa għall-offerti – proġetti fil-Munxar**

41.9.1 Il-Kunsill għadu kemm ipprepara l-*Bill of Quantities* għal erba' *tenders* li ser jiġu ppubblikati f'Jannar 2018.
Dawn huma:

- sejħa sabiex ix-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja jiġu restawrati u rijabilitati;
- sejħa sabiex jinbidlu l-lanterni li huma bil-globu;
- sejħa sabiex jinxtraw siġar taż-żebbuġ għal ġol-*pots* li hemm fix-Xlendi u jissaqqew; u
- sejħa sabiex isir xogħol ta' tiswija ta' toroq u pavimentar.

Dawn is-sejħiet ser isiru skont ir-regolamenti dwar akkwist pubbliku li mis-sena 2018 qed jiġu applikati għall-Kunsilli Lokali.

**41.10 Impjieg ta' skrivan/a Full-time**

41.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*e-mail* li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali - Monitoraġġ u Sapport rigward l-intervisti li saru għall-impjieg ta' skrivan/a *full-time*. Id-Dipartiment iddikjara l-intervisti nulli u jridu jsiru mill-ġdid.
Fiż-żmien li l-Kunsill kien qed jistenna direttiva mingħand id-Dipartiment, il-Kunsill talab lid-Diriġenti tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation sabiex is-Sinjorina Angelique Bugeja li kienet intażlet fl-intervisti, tiġi assenjata mal-Kunsill bħala *clerk*. Il-Fondazzjoni aċċettat u hija bdiet taħdem bħala *clerk* mal-Kunsill mill-11 ta' Diċembru 2017.

**41.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

41.11.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fis-26 ta' Diċembru 2017, fil-5.30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras - Membru.
Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* talbet li tkun skużata minħabba x-xogħol. Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata minħabba li kellha attività.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku kienet skużata minħabba li ma tiflaħx.

Dawk preżenti stennew għal nofs siegħa mill-ħin stabbilit u fis-6.00 ta' filgħaxija ċ-*Chairperson* iddikjara li ma kienx hemm *quorum* u li l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

**41.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

41.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 41-2017(27_12_17) għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Dawn ġew iffirmati mill-Viċi Sindku, Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Damien Spiteri – Kunsillier. Is-Sinjorina Sonja Abela – Kunsillier irrifjutat li tiffirma għaliex kellha dubju fuq xi kont. Għaldaqstant, din l-iskeda tal-ħlasijiet ma ġietx approvata.

**41.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

41.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 23 ta' Jannar, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Robert Mallia<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |